**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA.,LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Bartolomeo Mula)

**vs**

**Edward Zammit**

Illum 21 ta` Novembru 2001.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Edward Zammit ta` 23 sena, bin Emanuel u Evelyn nee` sultana, imwieled San giljan fit-12 ta` Jannar 1977 u joqghod ‘Camelia’ Triq il-Keffa, Swieqi, ID 0073477 (M);

**1.** Talli fit-18 ta` Gunju 2000, ghall-habta tal-5.00 a.m., fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta, iddenunzja lil pulizija esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq, holoq tracci ta` reat b`mod li jistghu jinbdew proceduri

kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, u cioe`, meta iddenunzja li kienu serqulu  il-vettura tieghu li ggib in-numru tar-registrazzjoni AAV-219, ta` ghamla Ford Escort mnejn skond hu, kien halliha ipparkjata aktar qabel fl-istess jum fi Triq il-Htajriet, Mosta;

**2.** Talli fl-istess data, ghall-habta tas-2.30 a.m., fi Triq il-Kosta tas-Salini, Bahar ic-Caghaq, saq vettura numru tar-registrazzjoni AAV-219 b`sewqan aktar milli jmiss, b`manjiera perikoluza negligenti jew traskurata;

**3.** Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq vettura numru tar-registrazzjoni AAV-219, minghajr licenza tal-vettura tat-Triq mid-Direttur tal-Licenzi (licenzja mhux rinnovata);

**4.** Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqaas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu tas-sewqan, jew b`nuqqas ta` tharis tar-Regolamenti, billi permezz tal-vettura tieghu li ggib numru tar-registrazzjoni AAV-219, qabez il-linji bojod kontinwi li hemm f`dik il-lokalita`, habat ma vettura li ggib numru tar-registrazjoni GAF-418 w ikkaguna feriti ta natura hafifa fuq il-persuna ta` Paul Micallef minn San Pawl il-Bahar, skond ma verbalment iccertifika Dr L Muscat MD., tal-Isptar San Luqa, kif ukoll ikkaguna hsarat estensivi fil-vettura numru tar-registrazzjoni GAF-418, ghad-dannu ta l-imsemmi Paul Micallef.

**5.** Talli fl-istess data, postijiet, hinijiet u cirkostanzi bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku, sar hati ta` dawn ir-reati li hu kellu jissorvelja biex ma jsirux jew minhabba l-kariga tieghu (PC 1146) kellu id-dmir li jimpedixxi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat in-nota tal-Avukat Generali;

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi tratta bi procedura sommarja.

Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih;

Issibu hati;

Rat l-Artikoli tal-ligi, kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152.

Jidhrilha li ghandha tapplika l-ahhar imsemmi Artikolu, stante l-kondotta nadifa ta` l-akkuzat u stante li dak li gara ma twettaqx mill-hati waqt il-qaghdi ta` dmirijietu.

Ghalhekk waqt li **ssibu hati, tilliberah taht il-provvedimenti ta` l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta` Malta, b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin** mill-lum u qed taghtih it-twissijiet skond il-ligi.

Vera kopja

Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

L Spiteri Bailey

Dep Reg.